**6 ta' Ottubru, 1958**

**Imhallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmelo Aglus Fernandez et.

*versus*

Avukat Dr. Filippo Nicolò Buttigieg

**Avukat — Professjonista — Danni — Negligenza — Kolpa — Self — Eredità — Diviżjoni**

*Huwa ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza nostrali, li taqbel f'dan il-pont ma' dik taljana u franċiża, illi l-avukat ma jistgħax jiġi ritenut responsabbli di fronti għall-klijenti tiegħu sempliċement għaliex il-parir tiegħu jkun żbaljat; imma, biex tiġi ravviżata dik ir-responsabilità, jeħtieġ li jkun hemm aġir doluż ossija frawdolenti, jew inkella li l-iżball tal-avukat kien l-effett ta' dik li b'nomenklatura diversa, iżda b'identità ta' sostanza, tissejjaħ "colposa ignoranza" jew "sup`na igno-*

*ranza", jew "evidente incapacità", jew "grave incuria". U l-ġurisprudenza ngliża mhix dissimili, billi f'dik il-ġurisprudenza, sabiex fil-każ ta' konsulent ikun hemm "actionable negligence", jeħtieġ li jkun hemm "gross ignorance or gross negligence".*

*Kwota indiviża u illikwida ta' eredità ma hix garanzija li tista' tiġi aċċettata għar-restituzzjoni ta' mutwu; għas-sempliċi raġuni li jista' faċilment jiġri li in definittiva lill-mutwatarju ma tmiss ebda proprjetà mmobiljari; il-fatt li l-mutwatarju jkollu kwota ndiviża ta' eredità, u kwindi in teoria kwota ndiviża tal-istabili fiha komprizi, ma jfisser xejn, għar-raġuni, fost oħrajn, li, għalkemm per regola kull komproprjetarju għandu l-jedd li jieħu s-sehem tiegħu tal-beni in natura, u fil-formazzjoni tal-porzjonijiet għandu, kemm jista' jkun, jiġi mdaħħal sehem ugwali ta' mobili, immobili, krediti, eċċ., eppure dan jista' jiġi faċilment frustrat, għaliex ir-regoli tal-liġi huma applikabbli sakemm il-kondividenti ma jiftehmux xort'oħra, u dawn, meta huma preżenti u kapaċi, jistgħu jagħmlu l-qasma b'kull mod u għamla li jogħġobhom; u l-liġi stess tikkontempla l-ipotesi (anki appartt l-ftehim bejn il-kondividenti) li ma jkunx possibbli li tiġi nkluża porzjoni ta' stabili f'kull sehem, apparti milli, meta l-kondividenti jkunu kollha preżenti f'dawn il-Gżejjer u kapaċi, il-mutwartarju jista' dejjem, għal raġunijiet onesti jew le, jieħu l-kwota tiegħu kollha f'sustanzi mobiljari, anki appartt milli s-sustanzi mobiljari tal-eredità jkunu ta' valur akbar minn dak tas-sustanzi immobiljari.*

*Il-pożizzjoni tista' tiġi aggravata minn ċirkustanzi oħra li jirrendu aktar faċli din il-possibilità, bħal ma hu l-fatt illi l-mutwatarju jista' jkun tenut għal xi konferimenti li jassottiljaw jew jinnewtralizzaw għal kollox il-kwota ereditarja, u l-fatt li l-eredi, in komune mal-ko-eredi, ikollu kwota ndiviża tal-eredità, mingħajr ebda dritt tiegħu li jipoteka b'effikaċja kawtelanti tal-mutwi kwota tal-istabili; l-ipoteka ta' kwota ndiviża ta' eredità aċċeża bħala garanzija ta' self tista' hekk tiġi għal kollox effimera.*

*L-avukat li jikkonsulta favorevolment mutwu b'garanzija simili u f'ċirkustanzi bħal dawn juri nuqqas ta' diliġenza li jirrendieh responsabbli għad-danni li jsofri l-iżburżant minnu-*

*konsultat, li joħroġ flusu biex jimpjegahom b'mod fruttieru, u mbgħad ma jsibx fil-patrimonju tal-mutwatarju beni mnejn ikun jista' jiġbor flusu.*

*Mhix attendibbli l-allegazzjoni tal-avukat konsulent li din l-eventwalità talvolta tkun avverat·ruħha minħabba xi manuvri li jkunu saru biex il-patrimonju tal-mutwatarju ma jkunx fih stabili mnejn jista' jiġi restitwit il-mutwu; għax l-opera tal-avukat hija nt'za appuntu biex tqiegħed lill-iżburżant fis-sod kontra eventwali manuvri ta' din ix-xorta.*

*Lanqas jista' jiġi nkolpat l-iżburżant jekk huwa jkun irratifika diviżjoni li fiha l-mutwatarju ħa parti u huwa nkassa parti mill-kapital minnu sburżat u misluf, jekk iċ-ċirkustanzi juru li dik ir-ratifika kienet magħmula bir-raġun, u biha d-dannu ġie skonġurat milli jkompli jikber.*

*L-inkurja tal-konsulent tkompli tikber jekk, wara li huwa jkun ġa kkonsulta mutwu b'garanzija hekk effimera, ikompli jikkonsulta favorevolment mutwi oħra taħt l-istess garanzija.*

*Konsult tal-avukat f'dawn il-kontin'enzi jkun in konflitt ma' prinċipji ta' liġi konoxxuti; il-każ ma jkunx ta' xi punt diskutibbli ta' dritt, jew xi interpretazzjoni dibattibbli ta' xi dispożizzjoni oskura tal-liġi, imma każ ta' negliġenza jew inkurja li jirrendu l-avukat responsabbli għall-konsegwenzi dik in-negliġenza u dik l-inkurja jikkaġunaw lill-klijent li silef flusu fuq il-konsult tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li fiha l-atturi ppremettew illi, fuq parir tal-konvenut bħala konsulent legali tagħhom, l-attur Agius Fernandez u n-nominat Borg, missier u awtur tal-attriċi Fiorini, kienu silfu lil Giuseppa mart Carmelo Mifsud, il-lum mejta, bil-garanzija ta' żewġha, il-kapitali speċifikati fil-kuntratti hawn taħt indikati, li tagħhom tinsab kopja legali annessa mal-atti tal-Konkors tal-kredituri ta' Carmelo Mifsud, deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 1948, kuntratti li għalihom saret riferenza; u illi b'sentenza tal-Prim'Awla Ċivili tat-13 ta' Marzu 1948, riformata fl-Appell bi pronunċja tal-15 ta' Novembru 1948, l-atturi, wara l-pagamenti li ġew

dikjarati li saru akkont tal-kreditu rispettiv, kien fadallhom jieħdu, l-instanti Maria Rosa Fiorini l-kapitali ta' £19.8.0d, ta' £396.8.9½d, u ta' £456.9.5½, dovuti in forza ta' tliet kuntratti fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tat-2 ta' Marzu 1929, 3 ta' Novembru 1930, u tal-ewwel ta' Marzu 1932 rispettivament, u l-attur Agius Fernandez it-tliet kapitali ta' £299. 7. 5d, ta' £415. 7. 7d, u ta' £224. 2. 6d, dovuti in forza ta' tliet kuntratti fl-istess atti tat-2 ta' Marzu 1929, tat-3 ta' Novembru 1930, u tal-11 ta' Otubru 1933 rispetivament — il-kapitali kollha bil-lukri tat-3% fis-sena sal-4 ta' Ottubru 1944, kif ridotti b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tal-5 ta' April 1941, eżibit fil-kawża "Agius Fernandez vs. Mifsud" deċiża fl-Appell fil-15 ta' Novembru 1948, salvi l-lukri ulterjuri; illi l-atturi għandhom jieħdu wkoll xi ammonti oħra in linea ta' rifużjoni ta' spejjeż ġudizzjarji li jirriżultaw fit-trattazzjoni; u illi, fuq domanda analoga għall-odjerna, avanzata mill-attur Agius Fernandez u mill-imsemmi Giuseppe Nicolò Borg kontra l-konvenut, fil-kawża fl-ismijiet "Giuseppe N. Borg et. vs. Dr. Filippo Nicolò Buttiġieġ", il-Prim'Awla Ċivili, b'sentenza tal-10 ta' Novembru 1939, illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, li ġie dikjarat intempestiv peress li l-istess ġudizzju messu ġie preċedut mill-prova, magħmula bl-opportuna proċedura, illi l-atturi fuq nominanti ġew preġudikati b'dak il-konsult tal-konvenut, billi nstabu fl-impossibilità li jdaħħlu l-krediti r-rispettivi; u illi l-atturi, wara li eskutew lir-riferit Carmelo Mifsud, li bħala uniku eredi ta' martu ġabar il-ġid kollha tagħha, jinsabu fl-impossibilità li jdaħħlu l-krediti tagħhom; u talbu li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għad-danni li huma sofrew u għad iridu jsofru bħala konsegwenza tal-konsult fuq imsemmi, u li huwa jiġi kundannat jirrifondilhom dawk id-danni, li għandhom ikunu likwidati anki per mezz ta' periti. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li fiha, in linea preriminari, eċċepixxa l-preskrizzjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' April 1953, li biha ġiet respinta dik l-eċċezzjoni, sollevata mill-konvenut; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut, li

biha eċċepixxa illi huwa mhuwiex responsabbli ta' danni minnhom allegati. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza l-oħra ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar 1957, li biha ddeċidiet billi rrespingiet it-talbiet tal-atturi, imma minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jibqgħu bejn il-kontendenti mingħajr taxxa, bid-dritt tar-Reġistru bejniethom bin-nofs; wara li kkunsidrat;

Illi l-azzjoni tal-atturi hi diretta għad-dikjarazzjoni ta' responsabbilità tal-konvenut deriventi min pretiż konsult erroneu mogħti minnu lill-attur u lill-missier u awtur tal-attriċi fl-okkażjoni tal-mutwi msemmijin fiċ-ċitazzjoni;

Illi fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Frar 1935, fil-kawża fl-ismijiet "Giovanni Fava vs. Nutar Giovanni Vella", fuq l-iskorta tad-dottrina u l-ġurisprudenza patrija u estera, ġie ritenut li l-professjonista mhuwiex miżmum responsabbli għal iżball tiegħu li ma jkunx sar b'qerq, jew bi ħtija kbira, jew minħabba injoranza grassa (Vol. XXIX-II-331); għalhekk, biex it-talba tal-atturi tista' tirnexxi, hemm bżonn li huma jippruvaw li dak il-konsult il-konvenut taħ bi żball, u li dan l-iżball huwa għamlu b'qerq, jew bi ħtija kbira, jew minħabba f'injoranza imperdonabbli;

Illi l-ewwelnett, mill-eżami tal-fatti preċedenti u susegwenti għal dawk il-mutwi, esposti fit-tul fid-diversi noti tal-atturi u tal-konvenut fil-kors tal-kawża, ma jirriżultax, almenu b'mod konvinċenti, li l-konvenut għamel xi żball fil-konsult tiegħu ġa msemmi; għall-kuntrarju, pjuttost jirriżulta li l-konvenut uża l-prekawzjonijiet, diliġenza u attenzjoni, li ordinarjament jittieħdu f'każi ta' konsulti simili. Imma, anki jekk kien hemm xi żball, l-istess atturi ma jimputawx lill-konvenut li dak il-konsult huwa taħ b'qerq, jew bi ħtija kbira, jew b'injoranza tal-professjoni tiegħu. Infatti, kif jidher mid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni, l-atturi jimputaw lill-konvenut nuqqas ta' diliġenza f'dak il-konsult billi, kif huma jkomplu jissottomettu fin-nota tagħhom, huwa ma ħax f'konsiderazzjoni u ma pprevediex il-possibilitajiet li setgħu jinqalgħu, kif effettivament inqalgħu, li bihom setgħet tiġi diminwita l-pożizzjoni finan-

zjarju tad-debitriċi; billi, kif iżidu jissottomettu, id-diliġenza li l-konvenut, bħala mandatarju retribwit, kellu jadopera, hi dik li tirrendieh responsabbli anki ta' "colpa lieve" (Vol. XXVI-I-365);

Issa, hu veru li r-relazzjonijiet bejn l-avukat u l-klijent tiegħu jirrivestu n-natura tal-mandat; però, dan il-mandat bejn l-avukat u l-klijent għandu jiġi ntiż f'sens limitat (Vol. XXIX-II-328), u ma għandux proprjament x'jaqsam mal-mandati l-oħra, fejn il-mandatarju hu responsabbli wkoll ta' "colpa lieve". Il-ġurisprudenza taljana, u anki patrija, u d-dritt ingliż u franċiż, ċitati fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-1935 fuq imsemmija, juru b'mod ċar illi l-iżball professjonali tal-avukat ma għandu xejn in komun mal-kolpa u mal-imperizja, u ma jobligax għar-rizarċiment tad-danni ħlief meta din il-kolpa tkun dovuta għal injoranza imperdonabbli u għal evidenti inkapaċità. U dan dejjem meta jkun hemm żball. Del resto, l-istess atturi jirrikonoxxu li l-possibilitajiet li l-konvenut kellu jipprevedi li setgħu jinqalgħu, kif inqalgħu, kif fuq imsemmi, ġraw fuq rikors ta' ċerti manuvri li ordinarjament ħadd ma jistennihom, u li fihom il-konvenut assolutament ma kellu ebda parti;

Illi għalhekk ma jirriżultax mir-responsabilità tal-konvenut pretiża mill-atturi fiċ-ċitazzjoni;

Rat fol. 240 in-nota tal-appell tal-atturi, u fol. 241 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tkun konfermata in kwantu kkundannat lill-konvenut ibati l-ispejjeż li għamel u jħallas nofs id-dritt tar-Reġistru, u tkun revokata in kwantu rrespinġiet it-talbiet tal-appellanti u kundannathom ibatu l-ispejjeż li għamlu u jħallsu nofs id-dritt tar-Reġistru, billi, minflok, jiġu akkolti d-domandi tagħhom, prevja l-likwidazzjoni tad-danni minnhom sofferti; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Huwa ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza nostrali, li taqbel f'dan il-pont ma' dik taljana u franċiża, illi l-avukat ma jistgħax ikun ritenut responsabbli di fronti għall-klijent tiegħu sempliċement għaliex il-parir tiegħu jkun żbaljat, imma, biex tiġi radikata dik ir-responsabilità, jeħtieġ li jkun hemm aġir doluż ossija frawdolenti, jew inkella li l-iżball tal-avukat ikun l-effett ta' dak li b'nomenklatura diversa, iżda b'identità ta' sostanza, tissejjaħ "colposa ignoranza" jew "supina ignoranza", jew "evidente incapacità", jew "grave incuria" (ara sentenza ta' din il-Qorti "Żammit vs. Avvocato Dr. Antonio Caruana", 4 ta' Diċembru 1957, li fiha hemm imsemmijin sentenzi oħra);

Mhux dissimili hija l-ġurisprudenza ngliża; fejn, sa··x fil-każ ta' konsulent ikun hemm "actionable negligence", jeħtieġ li jkun hemm "gross ignorance or gross negligence" (ara Hunter vs. Caldwell, 10 Q.B., 69, 83; 16 L.J., Q.B. 274; u Blyth vs. Fladgate, 60 L.J., Ch. 66; u ara wkoll Roscoe's Digest of the Law of Evidence on the Trial of Civil Actions, 29th edition). L-atturi preċiżament qegħdin isostnu li kien hemm mill-parti tal-konvenut, fl-okkażjoni tal-mutwi li huma għamlu fuq il-parir tiegħu, din l-inġurja gravi ossija "gross negligence". F'dawk il-mutwi huma baqgħu, minħabba l-allegat nuqqas ta' garanzija suffiċjenti, kredituri f'somom rilevanti; u għalhekk il-lum qegħdin jazzjonaw lill-konvenut għal deklaratorja tar-responsabilità professonali tiegħu u għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni;

Ikkunsidrat;

L-ewwel indaġni li għandha ssir hi dik dwar "liema kienu l-mutwi li saru fuq il-parir tal-konvenut;

Kif jidher minn nota tal-atturi fol. 54 ta' dan l-inkartament, il-mutwi li bihom l-attur Agius Fernandez u li llum mejjet Giuseppe Nicolò Borg, missier u awtur tal-attriċi Maria Rosa Fiorini, ivversaw kapitali sabiex jimpjegawhom fruttwożament, li fihom ġew konsultati mill-konvenut, kienu, skond l-atturi, dawn:— 1. £500 bl-interessi tas-6% għal żmien sentejn fl-attijiet tan-Nutar Francesco Giorgio

Schembri tat-23 ta' Marzu 1926; 2. £600 u £100 bl-istess rata ta' interessi għal żmien erbgħa snin, fl-attijiet tan-Nutar Oscar Azzopardi tat-2 ta' Marzu 1929; 3. £300 u £300 oħra bl-istess rata ta' lukri għal erbgħa snin, fl-attijiet tan-Nutar Oscar Azzopardi tat-3 ta' Novembru 1930; 4. £300 bl-istess rata ta' interessi għal sentejn, fl-attijiet tan-Nutar Oscar Azzopardi tal-ewwel ta' Marzu 1932;

Kopji ta' dawn l-atti jinsabu eżibiti minn fol. 20 sa fol. 44 tal-attijiet tal-Konkors tal-kredituri ta' Carmelo Mifsud, deċiż minn din il-Qorti fil-11 ta' Marzu 1938;

Fl-ewwel mutwu, id-debitur prinċipali kien Carmelo Mifsud, u martu, Giuseppa Mifsud, garanti sussidjarja. Fit-tieni, debitriċi prinċipali kienet il-mara, u garanti solidali żewġha. Fit-tielet u r-raba' sar l-istess bħal fit-tieni;

Kif jidher, però, minn nota tal-konvenut fol.95 tergo u 96 ta' dan l-inkartament, hu jammetti li saru bil-konsult tiegħu biss iż-żewġ mutwi msemmijin fin-numri (2) u (3) hawn fuq. Kwantu għal dak imsemmi fl-ewwel numru hawn fuq, hu jgħid li sar bil-konsult tal-istess nutar li rrediġa l-att. Kwantu għal dak fin-numru (4), il-konvenut isejjaħlu "kostituzzjoni in debitu", mhux mutwu, u jgħid hekk:— "Dan ma fihx konsult". Hu għalhekk xieraq li tiġi riżoluta din l-ewwel kwistjoni;

Kwantu għall-mutwu fl-ewwel numru, ta' £500, dan ġie estint b'parti mis-somma ta' £1000 li ġiet imħallsa lill-mutwanti fl-attijiet tan-Nutar Joseph Gatt tal-5 ta' April 1941, li kopja tiegħu tinsab eżibita a fol. 5 tal-proċess "Fernandez vs. Mifsud" deċiż minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru 1948. Dan hu ammess mill-atturi fol. 6 ta' dan il-proċess, u fin-nota tagħhom fol. 266. Għalhekk qalu sewwa l-istess atturi, fol. 292 ta' dan il-proċess, li f'din il-kawża u għall-finijiet tagħha ma hux ta' importanza prattika li jiġi deċiż dak il-mutwu sarx bil-konsult tal-konvenut jew le, ladarba ġie estint; u ma jistgħax ikun hemm konsegwentement responsabilità pekunjarja dwaru. Jibqa' dejjem, s'intendi, li dak id-debitu jitqies fl-istat ipotekarju tal-mutwatarji re-

lattivament għall-pont tas-suffiċjenza tal-kawtela tal-mutwi, kif kienet tidher "fiż-żmien tal-konsult";

Kwantu għall-mutwu fin-numru (4), il-konvenut qiegħed isostni li dan kien mhux mutwu, iżda kostituzzjoni ta' debitu, u li per konsegwenza ma kienx hemm lok għal ebda konsult dwaru, għalkemm, kif sejjer jiġi dimostrat, hu mhux dejjem qal hekk. Il-Qorti, wara li eżaminat il-provi dwar dan il-pont, ġiet għall-konklużjoni li l-att tal-1932 (numru (4) fuq) għandu jitqies att ta' mutwu, u li sar bil-konsult tal-konvenut. Il-konklużjoni tal-Qorti tinsab bażata fuq dawn ir-riflessjonijiet:—

(a) Fl-att in parola jingħad "Dà e somministra in titolo di mutuo all'altra comparente . . . la quale accetta e ricevo in titolo di mutuo". Dawn il kliem ma jattaljawx ruħhom għal kostituzzjoni ta' debitu;

(b) Fil-kawża "Borg vs. Buttigieg," deċiża P.A. fl-għaxra ta' Novembru 1939, il-konvenut kien ġie azzjonat, bħal ma hu issa, mill-istess aturi, għar-responsabilità tiegħu dwar dawn il-mutwi. Dik il-kawża tterminat b'liberatorja "ab observantia", minħabba intempestività. Issa, fiċ-ċitazzjoni l-atturi kienu esponew li huma kienu silfu fuq il-parir tal-konvenut il-kapitali ndikati fil-prospett dok. A anness ma' dik iċ-ċitazzjoni, fosthom dan il-kapital in kwistjoni (ara fol. 5 ta' dak il-proċess fin-numru (4) tal-prospett). Anki fid-dikjarazzjoni tal-atturi annessa maċ-ċitazzjoni, kien hemm il-kliem "Dawn il-kapitali jirrappreżentaw diversi mutwi li l-atturi kienu għamlu bil-konsult tal-konvenut". Intant, fid-dikjarazzjoni tiegħu f'dak il-proċess, fol. 9 tergo, il-konvenut (ara t-tielet para. tagħha) ikkontesta biss (1) l-att tal-1933, li l-atturi ma humiex qegħdin iġibu l-quddiem bħala konsultat mill-konvenut, imma biss bħala somma ta' imgħaxijiet li baqgħet insoddisfatta (fol. 298), u (2) il-mutwu tal-£500 li, kif ingħad, ma jidħolx għall-finijiet tal-konsult minħabba li ġie estint; u ma ċaħadx bl-ebda mod li hu kien ikkonsulta l-mutwu tat-£300 tal-1932;

(ċ) Del resto, meta l-partijiet riedu jgħidu "kostituzzjoni ta' debitu", u mhux "mutwu", għamluh, kif jidher

mit-tenur tal-att tal-1933, li kopja tiegħu tinsab fol. 42 tal-proċess tal-Konkors tal-kredituri fuq imsemmi;

(d) Hu ta' min jinnota wkoll li, mentri f'dan l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu issa msemmi l-konvenut ma deherx bħala xhud, inveċe fl-att tal-1932 huwa kien xhud; u hu risaput li fin-normalità tal-każijiet il-konsulent jibqa' jassisti l-mutwant sal-att, anki biex jagħorna r-riċerki sal-aħħar mument;

(e) Il-konvenut, fil-proċess 682/1939 'Borg vs. Mifsud', ċedut P.A. 18 ta' Ottubru 1941, kien qiegħed jiddefendi allura l-mutwatarju Mifsud kontra l-atturi. Fil-prospett, li ġie preżentat fol. 16 ta' dik il-kawża, miktub mill-konvenut, hemm riferenza, "inter alia", għal dan il-kuntratt tal-1932, u jingħad appuntu fih li l-attur (allura Giuseppe Borg, awtur tal-attriċi odjerna) kien "silef" lill-konvenut £300 (għalkemm jingħad li s-somma versata kienet anqas), u jirriferixxi għat-tieni darba għal din is-somma bħala "mislufa". Ma hemm ebda aċċenn għal kostituzzjoni ta' debitu (ara wkoll, a propożitu, ix-xhieda ta' Giuseppe Borg fol. 10 tal-proċess "Borg vs. Mifsud", P.A. ċedut 18 ta' Ottubru 1941);

(f) Fin-nota tiegħu fol. 212 ta' dan il-proċess, il-konvenut, għad li in segwitu jagħmel riferenza għan-nota preċedenti, però, isemmi espressament bħala mhux konsultat minnu biss il-mutwu ta' £500, bla ma jsemmi dak ta' £300 tal-1932;

(g) Hemm ukoll l-indizju qawwi li fl-att tal-1932 hemm espressament imsemmi x'kienet tippossjedi l-mutwatarja għall-kawtela tal-mutwu, appuntu kif kien hemm imsemmi fl-att tal-1929. L-att tal-1929, kif jammetti l-konvenut sar fuq konsult tiegħu, u għalhekk kien naturali li hu jsemmi l-istess garanzija; u di pjù, għall-kostituzzjoni ta' debitu ma hemmx sens li tissemma garanzija, għax id-debitu jkun ġa ġie nkors mingħajra;

(h) Hu sintomatiku li fl-aħħar nota tiegħu fol. 302 ta' dan l-inkartament il-konvenut biddel sostanzjalment il-

kontestazzjoni tiegħu dwar dan il-mutwu, u qal, inveċe, hekk:— "£300 a favur ta' Gio Nicolò Borg, atti Oscar Azzopardi 1 ta' Marzu 1932, konsultat mill-esponent, prinċipalment rigward interessi skaduti fuq mutwi preċedenti;

Għalhekk, din il-Qorti hi ta' fehma li, apparti l-mutwu ta' £500, li għar-raġuni fuq indikata ma hemmx bżonn jiġi stabbilit jekk sarx jew le fuq il-parir tal-konvenut, il-mutwi tal-1929, 1930, u 1932, elenkati fin-numri (2) (3) u (4) superjorment, saru fuq konsult tal-konvenut;

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan, jeħtieġ li l-Qorti tgħaddi biex taqta' l-pont "jekk il-konsult favorevoli tal-konvenut għal dawn il-mutwi kienx tali li juri inkurja gravi ossija "gross negligence" mill-parti tiegħu", kif isostnu l-atturi;

Ikun aħjar, għall-kjarezza tal-espożizzjoni, li jingħad minn issa li, għalkemm, kif intqal fuq, f'dawk it-tliet mutwi Carmelo Mifsud deher bħala garanti solidali ta' martu Giuseppa Mifsud, eppure il kalkolu tal-mezzi tiegħu ma jidħol xejn fil-qies ta' dak li seta' jagħmel tajjeb għar-restituzzjoni tal-mutwi u lukri relattivi; għas-sempliċi raġuni li dan Carmelo Mifsud kien baqa' nullabbjenti, kif turi l-istess dikjarazzjoni tiegħu fiċ-ċitazzjoni 222C./49 "Fiorini vs. Mifsud", P.A. deċiża P.A. fis-6 ta' April 1949, fejn (fol. 424 ta' dak il-proċess) intqal:— "Illi, kif jafu tajjeb l-istess atturi, huwa ma għandux mezzi biex iħallas id-debitu tiegħu, tant li ġie kundannat iħallas biss ħames xelini fil-ġimgħa." Din l-insolvenza ma kienetx ħaġa ta' dik l-epoka, imma kienet tirrimonta għall-epoka tal-mutwi, kif jidher ċar mill-fatt li minn dejjem hu ma kienx igawdi kreditu biżżejjed biex jissellef flus mingħajr il-garanzija ta' martu (ara kopja tar-rikors fol. 288 ta' dan il-proċess); u, kif jidher ukoll mix-xhieda li hu stess ta fil-kawża issa msemmija, "Fiorini vs. Mifsud", fol. 431 tal-volum relattiv, li minnu jidher li minn żmien hu kien jaqbad u jitlaq negozji u mpjegi okkażjonali ta' rendiment insinifikanti, u jgħix, kif jingħad, "minn ġewwa". Del resto, f'ebda waħda minn noti preżentati mill-konvenut, u f'ebda argument tat-

trattazzjoni orali, ma ġie pretiż li dawk il-mutwi setgħu qatt b'xi mod jiġu fronteġġjati, sija pure in parti, bil-mezzi li "de proprio" kellu dan Carmelo Mifsud;

Ikkunsidrat;

Hu paċifiku bejn il-kontendenti li l-konvenut ta kon-sult favorevoli għal dawk il-mutwi in vista tal-fatt li Giuseppa Mifsud, il-mutwatarja, kellha kwota ndiviża u illikwida tal-ereditajiet taz-zijiet Antonio u Francesco Xuereb, li mietu, l-ewwel wieħed fl-1914 u l-ieħor fl-1924;

Issa, hu elementari li kwota ndiviża u illikwida ta' eredità ma hix garanzija li tista' tiġi aċċettata għal restituz-zjoni ta' mutwi; għax-sempliċi raġuni li jista' faċilment jiġri li in definittiva lill-mutwatarju ma tmiss ebda pro-prjetà immobiljari. Il-fatt li l-mutwatarju jkollu kwota ndiviża tal-istabili fiha kompriżi, ma jfisser xejn; għal dawn ir-raġunijiet, li huma noti għal kull eżerċent legali:—

(a) Għalkemm per regola kull komproprjetarju għan-du l-jedd li jieħu s-sehem tiegħu tal-beni in natura, u li fil-formazzjoni tal-porzjonijiet għandu, kemm jista' jkun, jiġi mdaħħal sehem ugwali ta' mobili, immobili, krediti, eċċ., eppure dan jista' jiġi faċilment frustrat, għaliex ir-regoli tal-liġi huma applikabbli sakemm il-kondividenti ma jifthemux xort'oħra; u dawn, meta huma preżenti u kapaċi, jistgħu jagħmlu l-qasma b'kull mod u għa nla li jogħġob-hom (ara d-dispost tal-art. 537 (1) Kap. 23 Ediz. Riv., li jista' jinnewtralizza d-dispost tal-art. 539 u 541 ibidem; liema artikoli huma reżi b'liġi applikabbli għad-diviżjonijiet ta' ereditajiet — ara art. 948 ibidem). Ebda raġuni ma kellu l-konvenut biex jaħseb li fid-diviżjoni eventwali kien sejjer ikun hemm, kif fil-fatt ma kienx hemm (ara kopja tal-att tad-diviżjoni fol. 352 tal-proċess "Mifsud vs. Xuereb", P.A. 28 ta' April 1937), xi ħadd inkapaċi jew assenti minn Malta, u biex jagħmel assenjament fuq din il-possibilità, biex ma jiġix kunsidrat l-art. 537 (1) fuq im-semmi;

(b) L-istess liġi tikkontempla l-ipotesi (anki apparti

l-istehim tal-kondividenti) li ma jkunx possibbli li tiġi akluża porzjoni ta' stabili f'kull sehem (art. 544 ibidem). Issa, dan kien eminentement il-każ li kellu quddiemu l-konvenut meta kkonsulta ł-mutwi "de quibus". Infatti, il-konvenut kellu quddiemu l-inventarju tal-assi ta' Francesco Xuereb, magħmul in atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi tal-25 ta' Frar 1925, li kopja tiegħu tinsab fl-attijiet tad-digriet No. 1037 tal-1926 Sekond'Awla. Dan l-inventarju kien jikkomprendi (ara dikjarazzjoni tal-istess konvenut fin-nota tiegħu fol. 92 tergo ta' dan il-proċess) tant l-assi ta' Francesco Xuereb kemm ukoll dak ta' ħuh premort Antonio Xuereb; vwoldiri taż-żewġ assi li fihom kellha sehem indiviż il-mutwatarja Giuseppa Mifsud. Minn dan l-inventarju (ara wkoll l-ispoll tiegħu li għamel l-istess konvenut fin-nota tiegħu fol. 93 ta' dan il-proċess) jirriżulta li, kwantu għall-assi ta' Antonio Xuereb, f'dan kien hemm biss (anki jekk il-valur jiġi kapitalizzat kif isostni l-konvenut) valur ta' stabili ta' £2700, mentri l-valur mobiljari (makkinarju, titoli, flus, eċċ.) hu ta' £10,943 (is-somma ta' £2633.6.8 fin-nota tal-konvenut tidher separata, imma verament hi kompriża fl-ammont ta' £10,943 — ara inventarju fl-attijiet tas-Sekond'Awla fuq imsemmija). Kwantu għall-assi ta' Francesco Xuereb, anki hawn il-valur tat-titoli, flus, eċċ., jiskorri l-valur tal-istabili, anki jekk stmati in bażi għall-kera kapitalizzat. Din iċ-ċirkustanza, illi, ċjoè, fl-assi li fihom kienet interessata l-mutwatarja kien hemm ammont rilevantissimu ta' sustanzi mobiljari li kien jeċċedi l-valur immobiljari, tirriżulta wkoll mill-kopja tal-att tad-diviżjoni tas-26 ta' Diċembru 1934 fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Azzopardi, fol. 253 tal-volum fejn hemm il-proċess 69/35 P.A. "Mifsud vs. Xuereb" 28.4.37. u hi rilevata wkoll fis-sentenza reża min din il-Qorti fil-Konkors tal-kredituri fuq imsemmi tal-11 ta' Marzu 1938. Meta ma" din iċ-ċirkustanza wieħed iżid il-fatt li l-kwota ta' Giuseppa Mifsud kienet ta' parti minn sittax fl-assi ta' Antonio Xuereb, u li l-konvenuti kienu diversi, wieħed għandu jara kemm kien problematiku li fil-kwota tagħha jkun hemm stabili, u, jekk kellu jkun hemm, kemm kienet tkun ta' entità żgħira. Dan dejjem apparti li l-mutwatarju kien ikun jista', għar-raġunijiet tiegħu, onesti jew le, jekk il-kondividenti l-oħra jkunu kapaċi u preżenti f'dawn il-Gżejjer, jieħu l-kwota tiegħu kollha f'sustanzi mobiljari,

anki apparti kull eċċess tal-valur mobiljari fuq dak immobiljari;

(ċ) Il-pożizzjoni kienet aktar aggravata f'dan il-każ b'ċirkustanza oħra. Francesco Xuereb, fit-testment tiegħu in atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi tat-13 ta' Marzu 1924 (ara kopja fl-attijiet tad-digriet 1034/26 fuq imsemmi) kien ħalla l-użufrutt ġenerali tal-ġid tiegħu lill-ħuh Michele Xuereb (art. 5 tat-testment), u ta lil dan l-użufruttwarju l-fakoltà li jagħmel anki operazzjonijiet ta' bejgħ tal-beni ereditarji bla kunsens tal-eredi. Hu ovvju li din il-kondizzjoni kompliet iżżid mal-inċertezza tal-garanzija tal-mutwi;

(d) L-anqas ma għandha tintnesa, "in subjecta materia", il-possibilità ta' konferimenti li għalihom jista' jkun tenut l-eredi, u li jistgħu jassottiljaw, jekk ma jinnewtralizzawx għal kollox, il-kwota ereditarja. F'dan il-każ, Carmelo Mifsud bħala eredi ta' martu, il-mutwatarja Giuseppa Mifsud, kien irċieva akkont ta' £650, imputabbli għall-kwota ereditarja ta' martu (ara fol. 137 ta' dan il-proċess);

(e) Il-fatt li l-eredi, in komune mal-ko-eredi, ikollu kwota ndiviża tal-eredità, ma jġib ebda dritt tiegħu li jipoteka b'effikaċja kawtelanti tal-mutwi kwota tal-istabili. Infatti, l-art. 532 (2) Kap. 23 Ediz. Riv., wara li jgħid li l-komproprjetarju jista' jipoteka sehemu, ikompli jgħid li l-effett ta' kull ipoteka simili jiġi ristrett għal dak is-sehem li jmiss lill-komproprjetarju fil-qasma; u l-art. 987 ibidem ikompli jirribadixxi illi, bħala effett tad-diviżjoni, il-ko-eredi jitqies daqs kieku qatt ma kellu l-proprjetà ta' dak li ma jmissx lilu fid-diviżjoni. Hu ovvju li dan iġib għall-konsegwenza li l-ipoteka ta' kwota ndiviża ta' eredità, bħal ma kienet dik aċċeża fl-attijiet ta' self kontra Giuseppa Mifsud, kienet għal kollox effimera;

Ikkunsidrat;

Hu elementari li l-ipoteka għandha dritt ta' segwitu fuq stabili, iżda mhux fuq mobili (art. 2116-2117 Kap. 23). Meta żburżant imur biex jikkonsulta ruħu ma' avukat dwar il-mutwu li jkun bi ħsiebu jagħti, hu jrid (ammenokkè ma jridx jieħu ir-riskju tar-restituzzjoni tal-mutwu) garanzija li jista' jorbot fuqha. Din, kif jaf kull professjonista, u anki min hu profan f'materja *ta' liġi, hi l-garanzija ta'* stabili (apparti, fil-każi kongruwi, garanzija bankarja). Min jikkonsulta ruħu ma' avukat ma jridx jagħti l-kapitali tiegħu fuq sustanzi mobiljari, li jistgħu jispiċċaw fix-xejn. Issa, anki jekk wieħed jieħu n-nota tal-istess konvenut fol. 92 et seq., wieħed għandu jasal għall-konklużjoni kemm kienet effimera l-pretiża garanzija tal-mutwi minnu konsultati. Infatti, l-istabili fl-assi ta' *Antonio* Xuereb *kienu* jlaħħqu l-ammont ta' £2,700, u dawk fl-assi ta' Francesco Xuereb ilaħħqu l-ammont ta' £20,500; u dan fl-aħjar ipotesi ta' kapitalizzazzjoni tal-kera tagħhom bit-tlieta filmija. Mill-ewwel ammont Giuseppe Mifsud kienet intitolata għal parti minn sittax, ċjoè appena £169, u mit-tieni ammont waħda *minn* erbgħa u għoxrin parti, ċjoè £854; b'kollox £1023. Dan bla ma wieħed iqies sehemha millpassiv, li jista' jkompli jnaqqas konsiderevolment il-valur tal-kwota ereditarja, partikolarment is-sehem tat-taxxa tas-suċċessjoni u konsolidazzjoni tal-użufrutt. Vwoldiri li, anki kieku wieħed kellu jimmaġina għall-mument illi kienet ħaġa żgura li lil Giuseppa Mifsud imissuha stabili (dak li, kif ġa spjegat, ma kien xejn affattu żgur, anzi kien ferm problematiku), din il-kwota tagħha ta' stabili appena setgħet tilħaq il-valur ta' £1,023;

Meta l-konvenut ikkonsulta favorevolment il-mutwu ta' £700 tal-1929, fl-istat ipotekarju tal-mutwatarja kien *hemm diġà l-passività ta' £500 tal-mutwu (konsultat mill-*konvenut jew le) tal-1926. Vwoldiri, b'kollox il-patrimonju tagħha kien sejjer ikun gravat minn ammont globali ta' £1200. Issa, meta wieħed iqies (kif għandu jagħmel) li ma' dawk l-ammonti jkun hemm il-lukri li jistgħu jiddekorru mhux biss fil-perijodu tal-mutwu, imma anki għal żmien wara, għax mhux kull mutwatarju jirrestitwixxi puntwalment is-self, u dippjù, f'dan il-każ, il-mutwatarja ma kienet sejra jkollha xejn biex tħallas qabel ma jmut

l-użufruttwarju Michele Xuereb (li fil-fatt issoppravviva għaliha), li jkun hemm l-ispejjeż tal-attijiet ġudizzjarji eventwali, u li, fil-każ ta' subasta ta' bini, dawn jistgħu jiġu liberati anki bi prezz li jkun kemm kemm jaqbeż nofs l-istima, u, wara aġġornament, anki b'anqas minn nofs l-istima (art. 325, 326 Kap., 15), wieħed jirrealizza "ictu oculi" kemm, kif sewwa osservaw l-atturi fin-nota tagħhom fol. 293, verament il-konvenut "bena fuq ir-ramel";

Jekk dan kien veru għall-mutwu tal-1929, kien aktar u aktar veru għall-mutwi sussegwenti tal-1930 u 1932, meta l-patrimonju tal-mutwatarji kien aktar oberat. Kwantu għall-mutwu tal-1932, jista' anki jiġi osservat li, jekk fl-okkażjoni tal-mutwu tal-1930 il-konvenut kien jirritjeni neċessarju, għall-kawtela tal-iżburżant il-posponiment tal-ipoteka ta' £200 favur Antonio Borg, ċert li ma kellux jikkonsulta mutwu ieħor wara (1932) mingħajr dak il-posponiment (ara kopji ta' dawn l-attijiet fil-Konkors tal-kredituri pjù volte msemmi);

In-noti preeżntati mill-konvenut, eżaminati bir-reqqa, juru li hu pprova jżid l-apparenza tal-garanzija tal-mutwi b'possibilitajiet li ma jistgħux, u ma għandhomx qatt, jkunu l-bażi tal-konsult. Per eżempju, hu jaċċenna fin-nota tiegħu fol. 94 tergo, għall-awment gradwali tal-valur immobiljari, li hu dejjem inveċe problematiku; hu jsemmi wkoll akkwist ta' stabilli li għamel Michele Xuereb in forza tal-fakoltà li jixtri u jbiegħ, mogħtija lilu fit-testment fuq imsemmi ta' Francesco Xuereb, liema akkwisti kien ferm problematiku jekk jidħlux, fil-kwota kongruwa, in-natura fl-assi ta' Francesco Xuereb. ossija jagħtu lok biss għal indennizz, kif fil-fatt sar fl-att tad-diviżjoni eżibit fol. 252 "Mifsud vs. Xuereb", P.A. 28 ta' April 1937; u jsemmi wkoll (fol. 250 tergo) ir-renditi tal-proprjetà bħal li kieku mutwi jistgħu jiġu effikaċement konsultati in bażi għall-effetti pekunjarji, li b'tant modi jistgħu jiġu sottratti lill-iżburżant;

Hu, biex wieħed jgħid l-anqas, ferm stran li l-istess konvenut, fir-risposta tiegħu tal-appell (fol. 250 tergo), biex juri li l-konsistenza tal-kwoti ereditarji ta' Giuseppa

Mifsud kienet aktar minn dik pretiża mill-atturi, jirriferixxi ruħu, "modo probationis", għad-dokument "X" magħha anness (fol. 252); minn liema jirriżulta kemm tenwi kien il-valur immobiljari li minnu seta' talvolta jmissha sehem il-mutwatarja; u qiesu qiegħed jirritjeni li konsult ta' mutwu jista' (ammenokkè ma jkunx hekk espressament irid il-mutwant) jiġi bażat fuq sustanzi mobiljari. Hu stran ukoll li fin-nota li l-konvenut, allura wkoll konvenut personalment, ippreżenta fol. 27 tal-proċess "Borg vs. Dr. Butigieg", deċiża P.A. 10 ta' Novembru 1939, hu qiesu ta tort lill-atturi li silfu flushom "mhux fuq determinati u singoli stabili tad-debituri Mifsud, imma fuq il-kwoti ereditarji li messew eċċ., eċċ." ("totidem verbis"), mentri kien indubbjament dmir tiegħu imprexxindibbli, ladarba kien qiegħed jikkonsulta l-mutwi, li ma jagħtix parir favorevoli għall-mutwu arġinat biss fuq kwota ndiviża ta' eredità, li tista' tkun daqs kieku fuq ix-xejn;

Ikkunsidrat;

Il-konvenut jipprova jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu billi jgħid li, wara l-mutwu minnu konsultat fi-1929, sar mutwu mhux konsultat minnu minn ċerta Antonia Borg fit-13 ta' Settembru 1929, u li wara l-mutwi kollha minnu konsultati saru mutwi ta' £500 mill-Markiż Zimmermann Barbaro fl-1932 u ieħor ta' £100 minn Gioacchino Brincat tat-3 ta' Mejju 1933, ukoll mhux minnu konsultati (ara fol. 129 tal-fol. 136 ta' dan il-proċess). B'daqshekk, però, ma tiġix rimedjata l-inkurja tal-konsult tiegħu. Apparti li ma jirriżultax li dawk il-mutwi saru fuq parir ta' persuna legali, ma hux eskluż li jekk dan il-parir kien hemm, u kien favorevoli, seta' jkun ukoll taċċjat b'inkurja. Lanqas jirriżulta jekk il-mutwanti għamlux dawk il-mutwi b'konjizzjoni tar-riskju u b'adezioni li jaffrontawħ ċjò non ostante. Jekk bil-mutwu ta' Zimmermann Barbaro tħallas il-mutwu ta' Antonia Borg, u jekk bl-antiċipu li rċieva Carmelo Mifsud, armel ta' Giuseppa Mifsud u eredi tagħha (dep. att. fol. 137) tħallsu Zimmermann Barbaro u Brincat, fuq imsemmijin, avvolja l-mutwi tal-atturi kienu muniti b'ipoteka pozjuri, dan ikompli juri kemm kien parir ħażin li dawn il-mutwi tal-atturi jiġu konsultati fuq kwota ndiviża ta' eredità. Infatti kieku ġew konsultati fuq stabili jew kwoti

ta' stabili mill-mutwatarja effettivament posseduti, u kieku l-pagament ta' kredituri posterjuri sar mir-rikavat ta' dawn l-istabili tagħha mibjugħin bonarjament jew subastati, jew mogħtija "in solutum", allura l-ipoteka pozjuri tal-atturi kien ikollha d-dritt ta' segwitu fuq dawn l-istabili non ostante l-passaġġ tagħhom fil-poter tal-kumpratur bonarju jew tal-kumpratur fis-subasta, jew tar-riċevent "in solutum". Iżda, billi l-mutwatarja ma kellhiex ħlief kwota ndiviża ta' eredità, u billi l-ħlas ta dawn id-debiti posterjuri sar bi flus jew ta' mutwu ieħor, jew ta' antiċipu tal-eredità, ebda rimedju ma setgħu jkollhom l-atturi. Fuq il-flus hekk imħallsa l-ipoteka tagħhom fuq kwota ndiviża ċert li ma setgħet ikollha ebda dritt ta' segwitu;

Hi wkoll ta' importanza l-osservazzjoni li għamlu l-atturi fin-nota tagħhom li, anki jekk wieħed jgħid li ż-żewġ mutwi ta' Zimmermann Barbaro u ta' Brincat kienu b'xi mod konsultati mill-avukat Dr. Giuseppe Pace (ara xhieda ta' Carmelo Mifsud fol. 84 ta' dan il-proċess), dan l-avukat kien l-amministratur tal-ereditajiet mhux biss ta' Antonio u Francesco Xuereb, imma anki ta' dik ta' Michele Xuereb, u ddiriġa hu l-att ta' likwidazzjoni u diviżjoni (ara xhieda ta' Dr. Pace fol. 349 "Mifsud vs. Xuereb", P.A. 28 ta' April 1937, u bħala tali hu kien jista', non ostante li l-mutwatarja kellha kwota ndiviża, jagħmel mod, kif fil-fatt sar, li dawk il-mutwi, minnu talvolta konsultati, jitħallsu, għax il-flus kienu "pro tempore" f'idejgħ. Fil-każ ta' Dr. Pace, dan kien riskju li talvolta seta' jieħdu; imma mhux fil-każ tal-konvenut, li ma kienx f'dik il-pożizzjoni privileġġjata;

Ikkunsidrat;

Il-konvenut donnu wkoll irid jiddefendi ruħu billi jattribwixxi lill-atturi li kienu inattivi. Dan il-mezz defensjonali hu, biex wieħed jgħid l-anqas, għal kollox infondat. L-ewwelnett, għandu jiġi osservat li meta żburżant imur għand avukat biex jikkonsulta ruħu dwar mutwu prospettiv, hu għandu d-dritt kollu li jistenna li, jekk il-parir ikun favorevoli, il-pożizzjoni titgħu bħala mutwant tkun soda. Hu ma għandux jistenna li jkun ko-involt fi proċeduri interminabbli, u jista' biss jantiċipa li, jekk id-debitur ma

jħallasx, hu jkollu jġiblu l-beni fis-subasta, b'sikurezza li jkun kopert bir-rikavat, u li, jekk xi kumpratur inkawt ikun xtara minn għand id-debitur bla ma ħallas il-kreditu ipotekarju tal-mutwant, jew billi ħallas dejn posterjuri, jeżerċita l-azzjoni ipotekarja; appuntu għax l-ipoteka tiegħu fuq beni definittivament posseduti mid-debitur għandha segwitu. Dan il-mutwant ma għandux, però, isib ruħu f'baħar ta' kawżi, kif minħabba l-insuffiċjenza tal-garanzija tal-mutwi konsultati mill-konvenut, imfixklin per ġjunta mid-debitur konsultat mill-konvenut, sabu ruħhom fih l-atturi. Tant jirriżulta mill-kawżi kollha li għalihom saret riferenza f'dawn il-proċeduri. Ma jistgħax il-konvenut raġjonevolment jippretendi li huma kellhom jeżerċitaw bi prospettivi ferm inċerti, u b'riskju ta' spejjeż inutili konsiderevoli, azzjonijiet ta' impunjazzjoni u ta' nullitajiet. Se maj, kien dover tiegħu, speċjalment li, wara l-mutwi, hu kien il-konsulent tad-debitur Carmelo Mifsud, li jeżerċita dawn l-azzjonijiet, jekk verament kien hemm lokhom. Il-kawża li saret ("Mifsud vs. Xuereb", P.A. 28.4.1937), jekk wieħed jeżamina l-attijiet tagħha, tista' turi b'liema spejjeż u b'liema probabilità ta' suċċess setgħu jiġu eżerċitati azzjonijiet simili. L-attijiet u l-proċeduri li għalihom saret riferenza juru li l-atturi għamlu kull ma setgħu, fill-limiti tar-raġuni, biex jarġinaw il-ħsara li ġiet lilhom bħala effett tal-mutwi konsaputi;

Fol. 97 et seq. il-konvenut jilmenta minn "manuvri" li jallega li saru mill-kondividenti l-oħra, partikolarment fid-diviżjoni fl-atti tan-Nutar Azzopardi tas-26 ta' Diċembru 1934. Imma hu ovvju li appuntu l-mutwant jirrikorri għand l-avukat għall-konsult sabiex tiġi eskluża l-possibilità li l-garanzija tal-mutwu tiġi diminwita jew annullata b'ċerti evenjenzi; mentri, meta l-mutwu jsir fuq kwota ndiviża ta' eredità, jinfetaħ lok għal dawn il-possibiltajiet, għaliex id-diviżjoni tista' ssir f'diversi modi, u x'uħud minn dawn il-modi jistgħu jinnewtralizzaw dik il-garanzija. Il-konsult tal-avukat hu appuntu intiż għalbiex jiġu ovvjati eventwalitajiet simili. Issa fil-każ in ispeċje ġara preċiżament dak li hu "ferm faċilment prevedibbli" li jiġri, meta mutwu jsir fuq kwota ndiviża ta' eredità; u għalhekk jista' jingħad li ebda konsulent legali, li jkun irid, kif għandu d-dmir, iqiegħed tajjeb l-iżburżant, ma għandu, jekk irid

jevita l-konsegwenzi tal-inkurja gravi, jagħti parir favorevoli f'kontinġenzi simili;

Ikkunsidrat;

Il-konvenut argumenta wkoll li l-atturi ddanneġġjaw lilhom innfishom billi aderew għar-ratifika tad-diviżjoni li għamel Carmelo Mifsud fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tal-5 ta' April 1941 (ara kopja fol. 5 tal-proċess "Agius Fernandez et. vs. Carmelo "Mifsud", Appell 15 ta' Novembru 1948). F'dan l-att, in breve, Carmelo Mifsud (dejjem bħala eredi ta' martu Giuseppa Mifsud) aderixxa għad-diviżjoni in atti tan-Nutar Giovanni Azzopardi tas-26 ta' Diċembru 1934 in kwantu kienet tikkomprendi d-diviżjoni tal-wirt ta' Francesco u Antonio Xuereb, u li kienet saret mingħajr il-preżenza tiegħu u ta' martu. L-atturi aderew għar-ratifika magħmula minn Mifsud, u rċevew is-somma ta' £1000 b'delegazzjoni ta' Mifsud akkont tal-krediti tagħhom, u akkonsentew li hu jirċievi xi somom żgħar hemm indikati;

Din ir-ratifika, li ddeċieda li jagħmel Carmelo Mifsud wara kważi sebgħa snin, kienet relattiva għall-kuntratt ta' likwidazzjoni tal-massa ereditarja eżistenti fil-mewt ta' Michele Xuereb (sopravvissut għal ħutu Antonio u Francesco Xuereb, u għal Giuseppa Mifsud mutwatarja, vis-a-vis l-atturi, u ko-eredi ma' oħrajn fil-porzjonijiet fuq imsemmija ta' dawn Antonio u Francesco Xuereb), u tal-assenjazzjonijiet lil kull wieħed mit-tliet assi ereditarji tas-sustanzi rispettivi, u eredi indi tad-diviżjoni tagħhom. Carmelo Mifsud, subentrat intant fil-kwota ereditarja bħala eredi ta' martu Giuseppa, ma deherx f'dan il-kuntratt, u għalhekk l-oħrajn għamluh bil-promessa "de rato". Il-massa ereditarja laħqet iċ-ċifra ta' £133,067 u rotti, l-immobili tal-valur ta' £54,556, u s-sustanzi mobili tal-valur ta' £78,511. Giuseppa Mifsud kellha biss sehem fl-assi ta' Antonio u f'dak ta' Francesco Xuereb, sediċeżimu f'tal-ewwel u ventikwattreżimu f'tat-tieni. F'dik id-diviżjoni Mifsud messu s-sustanzi li hemm imsemmijin fiċ-ċedola fol. 70 ta' dan il-proċess, magħmula fl-1935, pjù, preżumibilment, is-somma ta' £650 lilu avanzata fl-1934 (fol. 137);

Issa, fl-1935 Mifsud, patroċinat mill-konvenut, intavola kawża għall-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi ereditarju ta' Antonio u Francesco Xuereb, f'liema ċitazzjoni hu injora d-diviżjoni fuq imsemmija, li fiha hu ma kienx deher (Ċitaz. 69/35 "Mifsud vs. Xuereb", P.A. deċiża 28 ta' April 1937). Il-Qorti tat digriet kostitwenti perizja. Il-kawża ġiet differita diversi drabi fuq allegati trattattivi ta' transazzjoni. Kien hemm diversi inċidenti proċedurali dwar l-istima tal-bini. Il-Perit Sacco għamel aġġjornament talistima tiegħu tal-1934 (dik adibita fid-diviżjoni fuq imsemmija), u sab li ftit ferm kien hemm x'ibiddel fiha (ara r-relazzjoni fol. 479 ta' dak il-proċess). Mbgħad kien hemm il-liberatorja "ab observantia" minħabba r-raġunijiet indikati fid-deċiżjoni riportata in kopja fol. 486 ta' dak il-proċess. Hu ċert, minn dawn l-antefatti u ċ-ċirkustanzi l-oħra kollha tal-proċess, li ebda tort ma jista' jingħata lill-atturi, u ebda ġjovament ma jista' jieħu l-konvenut, mill-fatt li l-atturi aderew għar-ratifika fuq imsemmija. Għal snin sħaħ huma kienu qegħdin jitħabtu, bla suċċess, għall-ħlas tal-kapitali minnhom mislufa. Kull ma jgħaddi ż-żmien il-pjaga kienet qegħdha tikber. Huma kienu raw, għax kienu ntervenuti "in statu et terminis" fil-kawża fuq imsemmija, b'liema ftit entużjażmu Mifsud kien qiegħed javanza l-pretensjoni tiegħu, b'mod li l-proċeduri relattivi sfaw bil-liberatorja "ab observantia". Ma hux affattu loġiku li wieħed jippretendi, kif donnu qed jagħmel il-konvenut, li l-atturi kellhom jidħlu għall-ispejjeż inġenti ta' kawża irritwalment vertenti fuq likwidazzjoni ta' massa ereditarja ta' £133,000 li minnha riedu jiġu mbgħad distrikati ż-żewġ assi li fihom kien hemm is-sehem tal-mutwatarja. Kieku l-mutwu ma ġiex konsultat fuq il-bażi nċerta u problematika ta' kwota ta' eredità, ebda proċeduri simili ma kienu jirrikorru; u għalhekk ma hux f'loku li l-konvenut jirrinfaċċja lill-atturi dak li in sostanza kien l-effett ta' nuqqas gravi tiegħu. L-atturi, f'dak l-istadju talperipeziji ġudizzjarji li fihom ġew involuti minħabba dak il-konsult sfortunat, ma kellhomx ħlief żewġ konsiderazzjonijiet, li setgħu rettament jissuġġerulhom il-"modus operandi", ċjoè, minn naħa waħda li jsalvaw dak li seta' jiġi salvat, u minn naħa l-oħra li, anki fl-interess tal-istess konvenut, u bħala obligu tagħhom in materja ta' riżarċi-

ment ta' danni, inaqqsu l-ammont ta' dawn kemm jista' jkun. Lanqas jista' jiġi lilhom obbjettat li ppermettew lid-debitur li jieħu xi somom żgħar imsemmijin fl-att tar-ratifika fuq indikat (għalkemm dik ta' £100 mill-wirt ta' Mons. Scicluna ma għandhiex titqies, għax din kienet eredità oħra, u qatt ma kienet fil-kalkolu tal-konsult); għaliex mingħajr dik l-indulġenza żgur li Mifsud ma kienx jaddivjeni għar-ratifika, u l-affarijiet kienu jkomplu dejjem sejrin għall-agħar, bi preġudizzju tal-atturi u eventwalment bi preġudizzju tal-konvenut;

Il-konvenut, fl-iskritturi tiegħu, qal li hu ma kienx ta lil Mifsud il-parir li jirratifika l-att tad-diviżjoni; imma ma għandux jintnesa li fl-għoti ta' dak il-parir il-konvenut seta' kien anki nfluwenzat bil-fatt li hu, oltre li kien il-konsulent ta' Mifsud, kien anki kkunsulta l-mutwi tal-atturi, u d-diviżjoni, kontuttokkè magħmula bil-promessa "de rato", kienet tidher mibnija fuq bażi solidi (ara xhieda Dr. Pace fol. 349 proċess fuq imsemmi 'Mifsud vs. Xuereb', P.A. 69/35, 28.4.1937), u kienet uriet aktar biċ-ċar kemm kienet debboli l-garanzija tal-mutwi aċċettata mill-konvenut;

Ikkunsidrat;

Fin-nota tiegħu fol. 98 ta' dan il-proċess, il-konvenut irrileva wkoll li l-atturi kienu jafu li Giuseppa Mifsud ma kellhiex immobili oħra ħlief il-kwoti ndiviżi tal-beni li wirtet. Din l-osservazzjoni mhijiex ta' siwi lill-konvenut; għaliex l-iżburżant ma jikkonsultax lill-avukat għal ta' xejn, imma biex ikollu garanzija tajba għall-kapital li jkun sejjer joħroġ, b'mod li ma jipperikolax ir-restituzzjoni tiegħu, u li jkollu rendiment fruttiferu; u hu dmir tal-avukat, u mhux tal-iżburżant, li jistudja l-implikazzjonijiet legali tal-istat ipotekarju u patrimonjali tal-mutwatarju, u li jagħti parir kuntrarju kwantu volte l-garanzija ma tirrivelax ruħha legalment soda. Tant, li fil-prattika hi ħaġa nota li, meta l-iżburżant irid jieħu r-riskju avvolja jiġi mwissi bih, l-avukat jeżiġi dikjarazzjoni bil-miktub tal-eżenzjoni ta' responsabilità. F'dan il-każ, meta sar is-self il-konvenut kien qal lill-iżburżanti li bħala garanzija kien

hemm kwota ta' beni li ġejja mill-wirt ta' Francesco u Antonio Xuereb (ara xhieda Agius Fernandez fol. 35 tergo proċess "Borg et. vs. Butigieg", P.A. 10 ta' Novembru 1939). F'epoka posterjuri għall-mutwi, il-konvenut donnu beda jqiegħed l-isperanzi tiegħu tar-restituzzjoni fl-eredità ta' Michele Xuereb, li kien għadu ħaj, u li fil-fatt miet wara Giuseppe Agius (ara x-xhieda issa msemmija fol. 35);

Ikkunsidrat;

Illi dawn il-konsiderandi jieħdu ineluttabilment għall-konklużjoni li kien hemm inkurja da parti tal-konvenut, konsistenti f'dan li ġej:—

1. Anki kieku wieħed kellu jipprexxindi għall-mument miċ-ċirkustanza fondamentali li fil-każ in ispeċje si trattava ta' kwota ndiviża ta' eredità, u jimmaġina, għall-grazzja tal-argument, li kienet ħaġa żgura li Giuseppa Mifsud, il-mutwatarja, kienet sejra jkollha immobili fil-kwota tagħha, allura f'din il-kwota ma setgħax ikun hemm, bħala konsegwenza tal-prevalenza tas-sustanzi mobiljari fuq is-sustanzi immobiljari f'dawk l-ereditajiet, u tal-entità żgħira tal-porzjon tal-mutwatarja (sediċeżimu u venti-kwattreżimu), ħlief, fl-aħjar ipotesi, kif superjorment ġie rilevat, valur immobiljari ta' £1023, anki apparti sehemha tal-passiv; liema valur, anki kif ġa rilevat, kien manifestament insuffiċjenti bħala garanzija tal-mutwi. Is-sustanzi mobiljari li setgħu jkunu kompriżi fil-kwota tagħha ma kellhomx, u ma setgħux jitqiesu, għall-finijiet ta' dik il-garanzija, għaliex hu elementari li (salv il-każ limitat u eċċezzjonali tat-tieni subartikolu tal-art. 2117 Kap. 23), l-ipoteka kawtelanti l-mutwu ma jista' jkollha ebda dritt ta' segwitu fuq il-mobili li jgħaddu f'idejn terzi. Il-mutwatarju jista' faċilment jiddisponi mis-sustanzi mobiljari bla ma jsib ebda tfixkil fl-ipoteka ġenerali u/jew speċjali aċċeża in konnessjoni mal-mutwu. Hu deċiżment kuntrarju għall-prinċipji u għall-prattika li konsult ta' mutwi jiġi bażat fuq il-pussess ta' ġid mobiljari;

2. Fil-fatt, però, il-kwota kienet għadha ndiviża; u ġie diġà osservat fil-kors ta' din is-sentenza illi, meta kwota

ereditarja tkun għadha fi stat ta' invidiżjoni ma' oħrajn, jista' faċilment jiġri, minħabba r-raġunijiet ġa msemmijin, li din il-kwota tiġi sensibbilment ridotta, u li tkun tikkonsisti nterament fi flus ossija sustanzi mobiljari. Din l-eventwalità kienet akbar probabbli fil-każ in ispeċje, fejn il-porzjoni tal-mutwatarja kienet żgħira u kien hemm sustanzi mobiljari ta' valur aktar minn dak mobiljari;

Ikkunsidrat;

Fil-fehma ponderata ta' din il-Qorti, din l-inkurja tal-konvenut kienet gravi u ammontanti għal "gross negligence"; għaliex:— (a) Kwantu għal dawk li huma prinċipji legali, dawn huma regoli espressi notorji, u ta' applikazzjoni kontinwa fil-prattika. Ma hux il-każ ta' xi punt diskutibbli ta' dritt, jew xi interpretazzjoni dibattibbli ta' xi dispożizzjoni oskura tal-liġi; (b) Kwantu għal dawk li huma elementi ta' fatt, il-konvenut, meta ta l-konsult, kellu quddiemu l-inventarju (digriet 1037/26 Sekond' Awla), u l-informazzjonijiet kollha relattivi għaż-żewġ ereditajiet;

Għalhekk il-konsult tal-konvenut kien in konflitt ma' prinċipji ta' liġi konoxxuti u ma' dak li kienu juru ċar il-fatti;

Element li jikkonkorri biex jaċċentwa l-gravità ta' din l-inkurja tal-konvenut jinstab fir-rifless li l-mutwi konsultati minnu kienu almenu tlieta, li jfisser li l-konvenut, wara l-ewwel mutwu tal-1929, reġa' kellu l-opportunità jirrifletti, it-tieni darba fl-1930, u t-tielet darba fl-1932, dwar il-garanzija ta' dawn il-mutwi, u ntant il-konsult tiegħu baqa' favorevoli, non ostanti li bil-piż miżjud ta' mutwi oħra l-pożizzjoni kienet dejjem qegħedha tippeġġjora ruħha u r-riskju tal-mutwanti kien qiegħed jiżdied u jikber;

Għalhekk, l-ewwel domanda, intiża għad-deklaratorja tar-responsabbilità tal-konvenut, bħala konsegwenza tal-konsult tiegħu relattiv għall-mutwi fuq imsemmija, hija fondata;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, billi tirrevoka s-sentenza appellata filli eskludiet it-talbiet tal-atturi, u tiddeċidi, minflok, konformement għall-ewwel talba, *fis-sens li tiddikjara* *lill-konvenut* responsabbli għad-danni in konsegwenza tal-konsult minnu mogħti kif fuq ingħad, u b'riforma tal-kap tal-ispejjeż appellat, dejjem kwantu għal din l-ewwel domanda, tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tal-ispejjeż relattivi "in toto", tant tal-ewwel kemm tat-tieni istanza. Kwantu għat-tieni *domanda*, dwar il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni, wara li rat l-art. 231 Kap. 15 Ediz. Riv., tirrimetti l-proċess lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u d-definizzjoni ta' dik id-domanda;

U f'dan is-sens ipprovdiet fuq l-appell.